

# IL-KTIEB TAL-GĦERF

*Fr Charles Buttigieg*

***"Mulej, ibgħat il-għerf mis-smewwiet imqaddsa, ibagħtu mit-tron glorjuż tiegħek, biex jieqaf miegħi fit-tħabrik tiegħi, ħa nkun naf sewwa x'inhu li jogħġob lilek" (Għerf 9:10)***

## L-Awtur

Dan il-ktieb importanti msemmi 'il-Ktieb tal-Għerf' huwa attribwit lil Salamun, bin Batseba li saltan wara missieru David mis-sena 970 sal-931 Q.K., għaliex Salamun kien magħruf għall-għerf tiegħu fil-ħakma tiegħu kif naraw fil-ġudizzju taż-żewġ ommijiet (ara 1 Slat3:16-28). Il-ktieb huwa tardiv u miktub ġewwa Alessandrija belt importanti tal-għerf u tal-filosofija. Skont il-Biblista Luca Mazzinghi tal-Istitut Bibliku ta' Ruma u tal-Istitut Teoloġiku ta' Firenze jpoġġi l-kitba tal-ktieb wara s-sena 30 Q.K. Għalhekk huwa meqjus bħala l-aħħar kitba tal-Antik Testment u għalhekk pont bejn iż-żewġ testmenti. Il-kelma Ebrajka għal għerf hija 'hokmah' li hija kelma femminili. Interessanti li fil-Malti l-kelma 'Għerf' hija fil-maskil u għalhekk b'riferiment għal Kristu. L-awtur kien Lhudi minn Lixandra u kien jaf il-Lhudi u l-Grieg ukoll u kellu tagħrif tal-filosofija Griega li nfirxet sew fl-elleniżmu (bil-Grieg: hellas tfisser 'Greċja'). Il-kotba l-oħra tal-għerf (jew sapjenzjali) li nsibu fil-bibbja fl-Antik Testemnt huma Ġob, Salmi, Proverbji, Qoħelet, l-Għanja tal-Għanjiet, u Bin Sira. B'kollox huma seba' li huwa n-numru perfett tal-għerf. Bħal ħafna kotba tal-għerf huwa miktub fil-forma letterarja tal-poeżija Ebrajka. Esponenti bibliċi dwar l-istudju ta' dan il-ktieb insibu lil L. Alonso Schokel, F. Zorell, R. Cornely, J.M. Reese, M. Gilbert, M. Priotto u L. Mazzinghi.

## Il-Kontenut tal-Ktieb

Fil-ktieb naraw tliet taqsimiet u fih 19-il kapitlu. L-ewwel taqsima minn kapitli 1 sa 5 turi kemm hu







ahjar il-bniedem li jqim il-għerf ta' Alla. Fit-tieni taqsima minn kapitli 6 sa 9 naraw it-tifħir lil għerf u naraw il-figura ta' Salamun, l-għaref tal-għorrief ta' Israel: "għax huwa kollox jaf u kollox jifhem, f'kull ma nagħmel imexxini bil-għaqal, u bil-glorja tiegħu jħarisni" (Għerf 9:11). Fit-tielet taqsima minn kapitli 10 sa 19 naraw l-għeġubijiet li wettaq l-għerf fl-istorja tal-patrijarki u ta' Israel b'riferenza partikolari għall-eżodu tal-poplu ta' Alla mill-madmad tal-Eġittu. Il-ġust bl-għerf jasal għall-ħajja eterna.

## Il-Messaġġ

Il-Ktieb irid jgħallem speċjalment liż-żgħażagħ ta' Lixandra dwar id-destin tal-bniedem, il-ħajja, il-mewt, il-premju, il-kastig, l-għerf, il-ħolqien, l-istorja u dwar Alla. L-awtur irid juri l-importanza tal-għerf ta' Alla fil-ħajja tal-bniedem lil dawk il-Lhud li kienu imferrxa u 'l bogħod mill-Art Imwiegħda. L-Għerf huwa ppreżentat bħala persuna f'Alla. (Għerf 10:1). L-Għerf hu ma' Alla, ħdejn it-tron tiegħu (9,4-9). Naraw ukoll l-għerf identifikat ma' l-ispirtu qaddis ta' Alla (1:5; 7:9-11 u 9:17). Fil-kapitlu 7, 22-30 naraw lista sħiħa ta' 21 kwalità li jgħoddu għall-Ispirtu s-Santu u għall-ħidma tiegħu fil-bniedem. Il-Protestanti jħarsu lejn dan il-ktieb bħala mhux kanoniku u għalhekk ipoġġuh mal-apokrifi. Naraw fuq kollox l-importanza tal-għerf fil-missirijiet tal-istroja ta' Israel. Għalhekk il-bniedem għandu jadura dejjem lil Alla u mhux lill-idoli. Dan hu l-veru għerf.

## Bibliografija


Bellia, G., "Il libro della Sapienza", in *Parole di vita* 5 (set/ott 2003) 1-5.

Conti, M., "L'umanesimo ateo nel libro della Sapienza", in *Antonianum* 49 (1974) 423-447.

Gilbert, M., *La sapienza di Salamone*, Roma 1995.



M. Gilbert, *Les cinq livres des Sages*, Paris 2003.

Horbury, W., "The Wisdom of Solomon", in *The Apocrypha*, ed. Martin Goodman, John Barton and John Muddiman, Oxford 2012, 45-67.

Mazzinghi, L., *La Sapienza. Tra Antico e Nuovo Testamento*, La Bibbia nella nostre mani 12, Torino 1998.

Reese, J.M., *Hellenistic influence on the Book of Wisdom and its consequences*, AnBib 41, Roma 1970.

Schenker, A., *Il libro della Sapienza*, Roma 1996.

Sisti, A., *Il libro della Sapienza*, Assisi 1992.

Vilchez Lindez, J., *Sapienza*, Roma 1990.